## KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ

**AGENDA NUMRU 22 – 24 ta' Novembru 2009**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.00 ta' filgħaxija u saret Agenda 22.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Dominic Cutajar | Viċi Sindku |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Rosario Cortis | Kunsillier |
| Skużati: | Dr. Peter Micallef | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Preżenti għall-laqgħa kien hemm rappreżentanza tal-għaqdiet lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, l-Arċipriet Fr. Daniel Cardona, staff tal-Kunsill, familjari u ħbieb tal-kunsilliera. | |

Il-Kunsilier Joe Ciantar fetaħ il-laqgħa tal-Kunsill billi rringrazzja l-membri tal-pubbliku preżenti u esprima x-xewqa tiegħu li l-pubbliku jattendi aktar ta' spiss għal-laqgħat tal-Kunsill sabiex dawn jifhmu aħjar il-ħidma tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Ciantar irringrazzja lill-Viċi Sindku Alfred Grixti talli talbu jmexxi din il-laqgħa bħala l-aktar kunsillier Anzjan. Il-Kunsillier Ciantar kompla jgħid li huwa kien qiegħed jagħmel dan bi pjaċir kbir u kien iħossu onorat ta' din ir-responsabilta'.

Il-Kunsillier Ciantar stieden lill-Arċipriet Fr. Daniel Cardona sabiex jgħid it-talba.

## 1. ĠURAMENT TAL-KARIGA TAL-KUNSILLIER ELETT PERMEZZ TAL-ELEZZJONI KAŻWALI

1.1. Il-Kunsillier Ciantar ressaq ir-ringrazzjamenti tiegħu f' isem il-Kunsilll lis-sinjura Mary Vassallo La Rosa għall-ħidma tagħha fil-Kunsill preċedenti, kif ukoll talli għoġobha tikkontesta l-elezzjoni każwali li nħolqot.

1.2. Il-Kunsillier Ciantar introduċa lill-Kunsillier elett fl-elezzjoni każwali, is-sur Rosario Cortis u stiednu sabiex jieħu l-ġurament tal-kariga ta' kunsillier.

1.3. Il-Kunsillier Rosario Cortis ħa l-ġurament tal-kariga ta' Kunsillier.

## 2. AĊĊETTAZZJONI TAL-KARIGA U ĠURAMENT TAL-ĦATRA TAS-SINDKU

2.1. Il-Kunsillier Joe Ciantar stieden lill-Viċi Sindku Alfred Grixti jikkonferma jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku. Il-Kunsillier Ciantar spjega li din kienet responsabilta tqila u unur kbir, li huwa kellu x-xorti li jaqdi għal tlett snin mingħajr problemi.

2.2. Il-Viċi Sindku Alfred Grixti aċċetta l-kariga ta' Sindku, iffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni u ħa l-ġurament tal-kariga ta' Sindku.

2.3. Il-Kunsillier Joe Ciantar qal li kien unur għalih li jagħti l-insinja ta' Sindku lis-Sindku Alfred Grixti, u stiednu jekk iridx ikompli jippresjedi l-laqgħa hu bħala Sindku. Is-Sindku Alfred Grixti, iżda, talab lill-Kunsillier Ciantar biex ikompli jippresjedi l-laqgħa hu.

## 3. AĊĊETTAZZJONI TAL-KARIGA U ĠURAMENT TAL-ĦATRA TAL-VIĊI-SINDKU

3.1. Il-Kunsillier Joe Ciantar ikkummenta li bi pjaċir kbir kien qiegħed jistieden lill-Kunsillier Domenic Cutajar jikkonferma jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku.

3.2. Il-Kunsillier Domenic Cutajar aċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku, iffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni u ħa l-ġurament tal-kariga ta' Viċi Sindku.

## 4. DISKORS TAL-OKKAŻJONI

4.1. Il-Kunsillier Ciantar stieden lill-Viċi Sindku sabiex jagħmel diskors tal-okkażjoni. Il-Viċi Sindku Domenic Cutajar qal li huwa kien qiegħed iwiegħed li l-ġurament li kien qiegħed jieħu ma kienx se jkun wieħed ta' fuq il-karta biss, iżda kien wegħda ta' ħidma u impenn sabiex flimkien l-

għaqdiet kollha tal-lokal nersqu lejn Ħaż-Żebbuġ aħjar. Il-Viċi Sindku wiegħed l-appoġġ tiegħu u tal-Kunsill lill-għaqdiet u ż-Żebbuġin kollha.

4.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar stieden lis-Sindku Alfred Grixti sabiex jagħmel id-diskors tiegħu. (Diskors anness bħala Appendix 1)

Il-Kunsillier Joe Ciantar irringrazzja lis-Sindku tad-diskors tiegħu fejn fi ftit kliem ta' deskrizzjoni reali ħafna ta' Ħaż-Żebbuġ. Il-Kunsillier Ciantar irringrazzja wkoll lis-Segretarju Eżekuttiv tal-paċenzja u l-ħidma tiegħu u tal-staff imexxi minnu. Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 26 ta' Novembru fis-6pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |